MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tas-7 ta' Jannar, 2010

Appell Kriminali Numru. 412/2009

**Il-Pulizija**
**(Spt. Bernard C. Spiteri)**
**Vs**
**Sandro Portelli**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali talli fit-18 ta’ Marzu, 2009 ghall-habta ta’ 22.00 hrs, gewwa Triq Santu Wistin, San Giljan, ghamilha ta’ “hawker” minghajr licenzja ta’ l-Awtorita’ Kompetenti.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tad-29 t’Ottubru, 2009, li biha, wara li rat ir-regolamenti 30, 53 tal-Avviz Legali 1/2006 u l-artikolu 29 tal-Kap. 441, sabet lill-appelant hati w ikkundannatu ghall-ammenda ta’ mija w sittax il-Euro w sebgha w erbghin centezmu (€116.47).

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fl-10 ta' Novembru, 2009, li bih talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w htija.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant, fil-qosor, jikkonsistu fis-segwenti w cioe':-

1. illi l-akkuza hija cara w cioe' li l-appellant fil-hin u gurnata kif indikata huwa ma kelux il-licenzja mill-Awtorita' Kompetenti sabiex huwa jaghmilha ta' "hawker";
2. illi fi proceduri kriminali l-*onus* tal-prova hija fuq il-prosekuzzjoni li f'dan il-kaz kellha tipprova li l-appellant ma ekllux licenzja mehtiega;
3. illi l-ewwel xhud tal-prosekuzzjoni PS 1492 Joseph Pace spjega li l-appellant kien qed jaghmilha ta' "hawker" fi Triq Santu Wistin, San Giljan, f'inqas minn 50 metru boghod minn stabbiliment tal-EC School;
4. illi minn xhieda tar-rapprezentant tat-Trade Licensing Unit Keith Caruana li pprezenta dokument Dok. KC1 irrizulta bic-car li l-appellant kellu l-licenzja mill-Awtorita' sabiex jaghmilha ta' "hawker";
5. illi l-prosekuzzjoni kellha xhud iehor u cioe' r-rapprezentant tal-Kunsill Lokali San giljan li minkejja li gie debitament notifikat naqas milli jidher u x-xhieda tieghu ma nghatatx;
6. illi ai termini tal-akkuza kif dedotta, x-xhud Keith Caruana kkonferma li l-appellant kellu l-licenzja mehtiega w ghalhekk l-akkuza li huwa ghamilha ta' "hawker" minghajr licenzja mhux talli ma gietx ippruvata talli gie ppruvat il-kuntrarju;
7. illi l-prosekuzzjoni qajjmet l-argument li l-appellant ma kienx hamsin metru boghod minn stabbiliment izda din ma kienitx l-akkuza kif dedotta fic-citazzjoni;
8. illi l-akkuza taqra li "ghamilha ta' hawker minghajr il-licenzja ta' l-Awtorita' Kompetenti" fejn irrizulta b'mod car mix-xhieda tal-istess prosekuzzjoni li ma kienx il-kaz;

9. illi se mai l-appellant allegatament kiser wahda mill-kundizzjonijiet imposta fuq il-licenzja ta' "hawker" ai termini tar-regolament 30 tal-Avviz Legali 1/2006 izda din certament ma kienitx l-akkuza li ngiebet kontra l-appellant u ghalhekk ma jistax jigi misjub hati fuq din il-bazi;
10. illi l-appellant ihossu ruhu aggravat bis-sejbien ta' htija ghall-imputazzjoni kif dedotta stante illi mix-xhieda prodotti mill-prosekuzzjoni stess tali akkuza ma tirrizultax.

Semghet ix-xhieda fl-udjenza tal-lum.

Semghet it-trattazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi mix-xhieda ta' Keith Caruana jirrizulta kategorikament illi l-appellant ghandu fil-fatt licenzja biex jahdem ta' "hawker" ghal bejgh ta' xorb, ikel u tabak minghajr restrizzjoni ta' lokalita'.

Illi anki jekk stess, kif osserva PS 1492 Joseph Pace, l-appellant kien qed ibiegh bhala "hawker" f'distanza ta' inqas minn hamsin metru minn xi bejjiegh iehor, tali kontravenzjoni ma gietx dedotta kontra tieghu ghaliex l-akkuza hija wahda illi ghamilha ta' "hawker" minghajr licenzja ta' l-awtorita' kompetenti, akkuza li kjarament ma tirrizultax pruvata.

Ghal dawn il-motivi tara illi l-aggravji tal-appellant huma gustifikati w qed jigu akkolti w ghaldaqstant il-Qorti qed tilqa' l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w piena.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------